# Deċiżjoni tal-bank ċentrali ewropew

## tat-23 ta' April, 2004

## li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti

***(BĊE/2004/10)***

(2004/507/KE)

IL-KUNSILL ĠENERALI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 48,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/19 tat-18 ta' Diċembru, 2003, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali mhux parteċipanti (1), iddeterminat il-persentaġġ tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li l-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li ma kinux se jaddottaw l-ewro fl-1 ta' Jannar, 2004, għandhom iħallsu fl-1 ta' Jannar, 2004, bħala kontribuzzjoni għall-ispejjeż operattivi tal-BĊE.

(2) Minħabba s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea, u tal-fatt li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jsiru parti mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Mejju, 2004, id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 tat-22 ta' April, 2004, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (2) tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004, il-proporzjonijiet assenjati lil kull BĊN li se jagħmel parti mis-SEBĊ fl-1 ta' Mejju, 2004, fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn issa' l quddiem "il-proporzjonijiet fl-iskema kapitali" u "l-iskema kapitali" rispettivament).

(3) Fl-1 ta' Mejju, 2004, il-kapital sottoskritt tal-BĊE se jkun ta'5 564 669 247,19 ewro.

(4) L-iskema kapitali estiża teħtieġ l-addozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE biex tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2003/19 b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004, u biex tiddetermina l-persentaġġ tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE li l-BĊNi ta' l-Istati Membri li ma jkunux għadhom addottaw l-ewro sal-1 ta' Mejju, 2004, (minn issa' l quddiem "il-BĊNi mhux parteċipanti") għandhom iħallsu fl-1 ta' Mejju, 2004,

(5) Minħabba l-Artikolu 3.3 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Kunsill Ġenerali tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Gvernaturi taċ-Česká národní banka, ta' l-Eesti Pank, tas-Central Bank of Cyprus, tal-Latvijas Banka, tal-Lietuvos bankas, tal-Magyar Nemzeti Bank, tal-Bank Ċentrali ta' Malta, tan-Narodowy Bank Polski, tal-Banka Slovenije u tan-Národná banka Slovenska kellhom l-opportunita' biex jippreżentaw l-osservazzjonijiet dwar din id-Deċiżjoni qabel ma tiġi addottata,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**L-ammont u l-modalita' tal-ħlas tal-kapital**

Fl-1 ta' Mejju, 2004, kull BĊN mhux parteċipanti għandu jħallas 7 % tas-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE. Filwaqt li jieħu konsiderazzjoni tal-proporzjonijiet fl-iskema kapitali deskritti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/5, kull BĊN mhux parteċipanti għandu għalhekk iħallas fl-1 ta' Mejju, 2004, l-ammont li qed jintwera ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| *BĊN mhux parteċipanti* | *(EUR)* |
|---|---|
| Česká národní banka | 5 680 860,54 |
| Danmarks Nationalbank | 6 101 159,01 |
| Eesti Pank | 694 915,90 |
| Central Bank of Cyprus | 506 384,90 |
| Latvijas Banka | 1 160 010,95 |
| Lietuvos bankas | 1 723 656,30 |
| Magyar Nemzeti Bank | 5 408 190,75 |
| Bank Ċentrali ta' Malta | 252 023,87 |
| Narodowy Bank Polski | 20 013 889,41 |
| Banka Slovenije | 1 302 967,30 |
| Národná banka Slovenska | 2 783 948,38 |
| Sveriges Riksbank | 9 400 451,41 |
| Bank of England | 56 022 530,23 |

(1) ĠU L 9, 15.1.2004, p. 31.
(2) Ara paġna 5 tal-Ġurnal Uffiċjali kurrenti.

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

1. Danmarks Nationalbank, Sveriges Riksbank u l-Bank of England diġa' ħallsu 5 % tas-sehem tiegħu tal-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sat-30 ta' April, 2004, skond id-Deċiżjoni BĊE/2003/19. Minħabba dan, kull wieħed minnhom għandu jew jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew jirċievi lura ammont lura mingħandu, skond kif ikun l-aħjar li jsir, sabiex jintlaħqu l-ammonti stabbiliti fit-tabella fl-Artikolu 1.

2. Kull wieħed mill-BĊNi l-oħra mhux parteċipanti għandu jittrasferixxi lill-BĊE l-ammont li qed jintwera ħdejn ismu fit-tabella fl-Artikolu 1.

3. It-trasferimenti kollha skond dan l-Artikolu għandhom isiru skond it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni BĊE/2004/7 tat-22 ta' April, 2004, li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u l-aġġustament tal-kapital imħallas ([1]).

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet Finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' April, 2004.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2003/19 hija bil-preżenti rrevokata b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-23 ta' April, 2003.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

---

([1]) Ara paġna 9 tal-Ġurnal Uffiċjali kurrenti.